

Dispożittiv

- 1) L-appell huwa miċħud.
- 2) J. Sellier għandu jbati l-ispejjeż tiegħu.

Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (It-Tielet Awla) ta' l-20 ta' Settembru 2007 — Nestlé vs L-UASI

(Kawża C-193/06 P)

“Appell — Trade mark Komunitarja — Regolament (KE) Nru 40/94 — Artikolu 8(1) (b) — Trade mark figurattiva li fiha l-element verbali ‘QUICKY’ — Oppożizzjoni tal-proprjetarju tat-trade marks verbali nazzjonali preċedenti QUICKIES — Probabbiltà ta’ konfużjoni — Evalwazzjoni globali”

Trade mark Komunitarja — Definizzjoni u kisba tat-trade mark Komunitarja — Raġunijiet relattivi għal rifjut — Oppożizzjoni mill-proprjetarju ta’ trade mark preċedenti identika jew simili rreġistrata għal prodotti jew servizzi identiċi jew simili [Regolament tal-Kunsill Nru 40/94, Artikolu 8(1)(b)] (ara l-punti 34-35, 46-47, 76)

Suġġett

Appell mis-sentenza tal-Qorti tal-Prim’Istanza (L-Ewwel Awla) tat-22 ta’ Frar 2006, Nestlé vs L-UASI, intervenjent: Quick restaurants SA (kawża T-74/04), li biha l-Qorti tal-Prim’Istanza ħadhet ir-rikors għall-annullament tad-deċiżjoni tat-Tieni Bord ta’ l-Appell ta’ l-UASI tas-17 ta’ Diċembru 2003 (Każ R 922/2001-2) dwar proċedimenti ta’ oppożizzjoni bejn Société des produits Nestlé SA u Quick restaurants SA.

Dispożittiv

- 1) Is-sentenza tal-Qorti tal-Prim'Istanza tal-Komunitajiet Ewropej tat-22 ta' Frar 2006, Nestlé vs L-UASI — Quick (QUICKY) (T-74/04), hija annullata safejn il-Qorti tal-Prim'Istanza, bi ksur ta' l-Artikolu 8(1)(b) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 40/94 ta' l-20 ta' Diċembru 1993 dwar it-trade mark Komunitarja, ma evalwatx ix-xebh viżiv tas-sinjali in kwistjoni billi bbażat ruħha fuq l-impresjoni globali prodotta minn dawn ta' l-aħħar.
- 2) Il-kumplament ta' l-appell huwa miċħud.
- 3) Il-kawża hija rrinvijata quddiem il-Qorti tal-Prim'Istanza tal-Komunitajiet Ewropej.
- 4) L-ispejjeż huma rriżervati.

Digriet tal-Qorti tal-Ġustizzja (Is-Seba' Awla) ta' l-24 ta' Settembru 2007 — Torres vs L-UASI

(Kawża C-405/06 P)

“Appell — Trade mark Komunitarja — Applikazzjoni għal trade mark figurattiva
‘Torre Muga’ — Proċedura ta’ oppożizzjoni — Trade mark nazzjonali u
internazzjonali verbali preċedenti ‘TORRES’ — Probabbiltà ta’ konfużjoni —
Ċaħda ta’ l-oppożizzjoni”

1. *Trade mark komunitarja — Definizzjoni u kisba tat-trade mark komunitarja — Raġunijiet relattivi għal rifjut — Oppożizzjoni mill-proprjetarju ta’ trade mark preċedenti identika jew simili rreġistrata għal prodotti jew servizzi identiċi jew simili [Regolament tal-Kunsill Nru 40/94, Artikolu 8(1)(b)] (ara l-punt 32)*